Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,601, 1 ta' April, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jirregola l-Periti u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu jew li huma anċillari għalihom.

ACT No. XIII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to regulate *Periti* and to provide for matters connected therewith or ancillary thereto.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

1 ta' April, 2021

ATT Nru XIII tal-2021

ATT biex jirregola l-Periti u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu jew li huma anċillari għalihom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

ARRANĠAMENT TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1 - 2
Taqsima II	Fuq Warrant ta' *Perit*	3 - 6
Taqsima III	Aċċess Alternattiv għall-Professjoni.	7 - 9
Taqsima IV	Bord tal-Warrant tal-Periti	10 - 11
Taqsima V	Twaqqif tal-Kamra tal-Periti u l-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti	12 - 14
Taqsima VI	Użu ta' Titoli Professjonali, Soċjetajiet bejn Periti u Forom ta' Prattika	15 - 17
Taqsima VII	Assigurazzjoni u Effetti ta' Ċessjoni, Sospensjoni jew Revoka ta' Warrant jew Kanċellazzjoni ta' Reġistrazzjoni, inkluż Reġistrazzjoni ta' Soċjetà	18 - 22
Taqsima VIII	Appelli, Skwalifiki, Ftehim Projbit u Reati	23 - 27
Taqsima IX	Dispożizzjonijiet Operattivi	28 - 30

Verżjoni Elettronika

Taqsima I
Preliminari

Titolu fil-qosor u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 dwar il-Periti.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li l-Ministru jista' permezz ta' avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba l-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra:

"Anness V" u "Anness VI" ifissru Anness V u Anness VI tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali;

"awtorità nominata" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki; Kap. 451.

"bażi temporanja u okkażjonali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; L.S. 451.03.

"Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti" tfisser il-Bord stabbilit mill-artikolu 13;

"Bord tal-Warrant tal-Periti" jew "Bord tal-Warrant" tfisser il-Bord stabbilit mill-artikolu 10;

"ċertifikat għall-prattika" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ annwalment mill-Kamra tal-Periti lil detentur tal-warrant, lil soċjetà ta' detenturi tal-warrant jew fornitur ta' servizzi, u li mingħajru tali detentur tal-warrant, soċjetà ta' detenturi tal-warrant jew fornitur ta' servizzi ma jistgħux joffru s-servizzi professjonali:

Iżda din it-tifsira m'għandhiex tinftiehem fis-sens li detentur tal-warrant, soċjetà ta' detenturi tal-warrant jew fornitur ta' servizzi li għandhom fil-pussess tagħhom tali ċertifikat ma jistgħux jiddelegaw attivitajiet li, skont il-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jitwettaqu biss minn detenturi tal-warrant, lil xi impjegat li huwa wkoll detentur tal-warrant u dan sakemm tali impjegat huwa kopert permezz ta' polza ta' assigurazzjoni skont l-artikolu 18(1)(a);

"Direttiva dwar is-Servizzi" tfisser id-Direttiva 2006/123/

Verżjoni Elettronika

KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern;

"esperjenza professjonali" tfisser it-twettiq tal-professjoni attwali u legali, full-time jew part-time ekwivalenti, fi Stat Membru;

"fornitur ta' servizzi" tfisser persuna minn Stat Membru jew minn xi pajjiż miż-Żona Ekonomika Ewropea li teżerċita l-professjoni fuq bażi temporanja u okkażjonali f'Malta, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi;

"IMI" tfisser Sistema ta' Informazzjoni fi ħdan is-Suq Intern imsejsa fuq it-teknoloġija tal-informatika li titħaddem fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

"Kamra tal-Periti" jew "Kamra" tfisser il-Kamra tal-Periti stabbilita mill-artikolu 12;

"Kodiċi ta' Mġiba Professjonali" tfisser il-Kodiċi preskritt permezz ta' regolamenti li jistipula u jispjega standards ta' mġiba u prattika professjonali, li l-Kamra tal-Periti teħtieġ minn persuni li jipprattikaw din il-professjoni f'Malta;

"migrant" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; L.S. 451.03.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għax-Xogħlijiet u, limitatament għall-funzjonijiet delegati lilu mill-Ministru, tinkludi l-Bord li joħroġ il-Warrant tal-Periti;

"miżata amministrattiva" tfisser il-miżata li detentur tal-warrant għandu jħallas lill-Kamra tal-Periti meta jissottometti dikjarazzjoni b'rabta mar-rekwiżiti tal-artikolu 18;

"Perit" tfisser it-titolu ġeneriku professjonali, mogħti biex jindika lis-soċjetà li d-detentur tat-titolu huwa kwalifikat b'mod xieraq u awtorizzat sabiex jipprattika l-professjoni; għal dan il-għan, ir-referenzi kollha fil-Liġijiet ta' Malta għall-kelma "arkitett" għandhom jitqiesu li jirreferu għal "Perit";

"Periti" tfisser it-titolu ġeneriku mogħti lil grupp ta' individwi, li kull wieħed minnhom għandu d-dritt għat-titolu ta' "Perit", li bejniethom jaqblu, permezz ta' skrittura privata, li jiffurmaw entità konġunta, li, għall-finijiet tar-responsabbiltajiet assunti mill-professjoni, kif hawn taħt imfisser, jaġixxu bħala wieħed u li għandhom jiddaħħlu fir-reġistru taħt il-lista ta' Periti

kif imfisser fl-artikolu 16;

"Perit Arkitett" tfisser it-titolu mogħti lill-professjonist skont dan l-Att, u li ismu ddaħħal fir-reġistru taħt il-lista ta' Perit Arkitett, skont il-proċeduri indikati fl-artikoli 4 u 5;

"Perit Arkitett u Inġinier Ċivili" tfisser it-titolu mogħti lill-professjonist skont dan l-Att u li ismu ddaħħal fir-reġistru kemm fil-lista ta' Perit Arkitett kif ukoll fil-lista ta' Perit Inġinier Ċivili, skont il-proċeduri indikati fl-artikoli 4, 5 u 6;

"Perit Inġinier Ċivili" tfisser it-titolu mogħti lill-professjonist skont dan l-Att u li ismu ddaħħal fir-reġistru taħt il-lista ta' Perit Inġinier Ċivili, skont il-proċeduri indikati fl-artikoli 4 u 6;

"perjodu ta' adattament" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali;

L.S. 451.03.

"polza ta' assigurazzjoni" tfisser Polza ta' Assigurazzjoni għal Indennizz Professjonali maħruġa skont termini u kundizzjonijiet dokumentati minn fornitur tal-assigurazzjoni lil Perit jew Periti jew fornituri oħra ta' servizzi li joffru servizzi f'Malta taħt dan l-Att, jew kwalunkwe mezz ieħor ta' protezzjoni personali jew kollettiva b'rabta mar-responsabbiltà professjonali;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti taħt dan l-Att mill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti;

"professjoni" tfisser il-professjoni regolata li tassumi r-responsabbiltajiet, personalment jew kollettivament, li minn żmien għal żmien jiġu mfissra fil-Liġijiet ta' Malta, u tinkludi servizzi relatati mal-arkitettura u mal-inġinerija ċivili riżervati bil-liġi għad-detenturi tal-warrant, u servizzi professjonali għandha tinftiehem f'dan is-sens;

"professjoni regolata" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki;

Kap. 451.

"reġistru" tfisser ir-reġistru tad-detenturi tal-warrant imsemmi fl-artikolu 4;

"Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti" jew "krediti ECTS" tfisser is-sistema ta' krediti għall-edukazzjoni għolja użata fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja;

Verżjoni Elettronika

"stabbiliment" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern; Kap. 500.

"Stat Membru" tfisser stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"tagħlim tul il-ħajja" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; L.S. 451.03.

"taħriġ prattiku professjonali" tfisser il-perjodu ta' prattika professjonali mwettaq taħt superviżjoni, wara li jkunu ġew kompletati l-programmi ta' taħriġ akkademiku rilevanti, kif stabbilit f'dan l-Att;

"test ta' kapaċità" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; L.S. 451.03.

"timbru" tfisser timbru professjonali, li jġorr l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tad-detentur tal-warrant jew soċjetà, b'disinn kif preskritt b'regolamenti, maħruġ mill-Kamra flimkien mal-ħruġ taċ-ċertifikat għall-prattika, liema timbru jista' jkun ukoll f'forma elettronika, u li għandu jintuża mid-detentur tal-warrant jew soċjetà fuq dokumentazzjoni formali kollha kull meta tali timbru huwa mitlub;

"Trattat" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"Unjoni Ewropea" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fit-Trattat;

"warrant" tfisser warrant mogħti taħt l-artikolu 3, u "detentur tal-warrant" għandha tinftiehem f'dan is-sens;

"żvilupp kontinwu professjonali" tfisser attività strutturata u organizzata, pjanata u mwettqa mid-detenturi tal-warrant sabiex iżommu u jaġġornaw l-għarfien tagħhom fl-arti u x-xjenza tal-professjoni tagħhom, u jtejbu l-abbiltajiet sabiex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, f'kuntest ta' kompetenzi professjonali dejjem aktar mifruxa, kif ukoll sabiex iżommu rwieħhom aġġornati mal-iżviluppi regolatorji u etiċi, u sabiex il-professjonisti jkunu motivati jippersistu f'tagħlim tul il-ħajja rilevanti għall-prattika sikura u effettiva tal-professjoni tagħhom.

Taqsima II
Fuq Warrant ta’ Perit

Warrant għall-prattika bħala Perit.

3. (1) Il-prattika tal-arkitettura u tal-inġinerija ċivili hija professjoni regolata, fid-dawl tal-ħtieġa suprema li jiġi mħares l-interess pubbliku, partikolarment għal dak li għandu x’jaqsam ma’ kwistjonijiet relatati mas-saħħa pubblika u s-sigurtà, ħarsien ambjentali, ħarsien ta’ wirt kulturali, u l-integrità strutturali ta’ binjiet u strutturi li jirriżultaw minn disinn u s-superviżjoni tal-kostruzzjoni ta’ binjiet u xogħlijiet ta’ inġinerija, li jagħti lok għal kompiti relattivi li jkunu riservati esklużivament għal detenturi ta’ warrant minn diversi Liġijiet ta' Malta.

(2) Il-warrant għall-eżerċizzju tal-professjoni għandu jingħata mill-Bord tal-Warrant lil kull persuna li tissodisfa r-rekwiżiti ta’ dan l-artikolu, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-artikoli 5 jew 6. Ebda persuna ma tista’ tipprattika l-professjoni kemm-il darba ma jkollhiex warrant għal dan il-għan maħruġ mill-Bord tal-Warrant.

(3) Detentur tal-warrant jista’ juża t-titolu ta’ "Perit", "Perit Arkitett" jew "Perit Inġinier Ċivili" jew "Perit Arkitett u Inġinier Ċivili" skont kif tniżżel fil-listi deskritti fl-artikoli 5 jew 6 jew 7.

(4) Kull persuna li tingħata tali warrant għandha, qabel ma tibda teżerċita l-professjoni, tieħu quddiem il-Qorti tal-Appell, f’seduta pubblika, ġurament ta’ lealtà kif inhu mfisser fl-artikolu 10 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u ġurament tal-kariga kif ġej:

Kap. 12.

> Jiena..... naħlef li nkun tassew fidil u leali lejn il-Poplu u r-Repubblika ta’ Malta u l-Kostituzzjoni tagħha. Hekk Alla jgħinni.
>
> Jiena……..... naħlef li naqdi b’mod leali u bl-onestà u bir-reqqa kollha d-dmirijiet ta’ Perit, mill-aħjar li naf u bl-aħjar ħila tiegħi. Hekk Alla jgħinni.

Jew kif ġej:

> Jiena..... solennement niddikjara li nkun tassew fidil u leali lejn il-Poplu u r-Repubblika ta’ Malta u l-Kostituzzjoni tagħha.
>
> Jiena……..... solennement niddikjara li naqdi b’mod leali u bl-onestà u bir-reqqa kollha d-dmirijiet ta’ Perit, mill-aħjar li naf u bl-aħjar ħila tiegħi.

(5) Kull persuna li tipprattika l-professjoni skont dan l-Att għandha tkun responsabbli għal għemilha u għan-nuqqasijiet tagħha fil-qadi ta’ dmirjietha, għaż-żamma tal-livell u mġiba professjonali

Verżjoni Elettronika

meħtieġa u b'mod ġenerali għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra applikabbli.

(6) Is-servizzi professjonali, li huma riżervati għall-professjoni skont xi liġi oħra ta' Malta, għandhom jiġu esklużivament imwettqa minn detentur tal-warrant, minn soċjetà ta' detenturi tal-warrant jew professjonista li jwettaq dawn is-servizzi skont dan l-Att, anke jekk ikunu mwettqa taħt kuntratt ta' impjieg, liema servizzi għandhom jitwettqu mingħajr l-influwenza mhux xierqa tal-persuna mhux professjonista li tkun qed tħaddem.

(7) Persuna li tipprattika l-professjoni skont dan l-Att għandha tirrifjuta li twettaq dawk is-servizzi professjonali fejn l-indipendenza professjonali tagħha tkun kompromessa.

Reġistru tad-detenturi tal-warrant.

4. (1) Il-Bord tal-Warrant għandu jżomm reġistru tad-detenturi kollha tal-warrant maħruġa skont dan l-Att. Ir-reġistru għandu jinkludi numru ta' listi, kif imfisser f'dan l-Att, bl-għan li l-pubbliku jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-ismijiet tal-persuni li huma kwalifikati sabiex iwettqu s-servizzi kif imfisser fil-listi rispettivi.

(2) Kull detentur tal-warrant reġistrat mal-Bord tal-Warrant għandu jkollu numru uniku ta' reġistrazzjoni, li għandu jintuża sabiex jiġi identifikat il-professjonist li għandu l-warrant. Dan in-numru ta' reġistrazzjoni għandu jintuża sabiex jikkonferma d-dokumentazzjoni formali kollha maħruġa mill-professjonist li għandu warrant fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

(3) Kandidat għandu jikkwalifika għar-reġistrazzjoni fil-lista relattiva jekk:

(a) huwa ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, jew membru ta' familja ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea minn pajjiż terz, jew ċittadin ta' pajjiż terz li huwa intitolat li jgħix u jaħdem f'Malta b'mod permanenti, bis-saħħa ta' xi leġiżlazzjoni oħra;

(b) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-forniturі tas-servizzi u speċifikament l-artikolu 9, il-kandidat ifittex li jistabbilixxi lilu nnifsu f'Malta;

(ċ) huwa ta' kondotta tajba, kif jista' jiġi kkonfermat minn ċertifikat tal-kondotta sħiħ u validu maħruġ mill-awtorità relattiva nazzjonali, mhux aktar kmieni minn tliet (3) xhur qabel id-data tas-sottomissjoni tat-talba tiegħu għar-reġistrazzjoni lill-Bord tal-Warrant;

(d) għandu l-kapaċità legali sħiħa;

Verżjoni Elettronika

(e) għandu għarfien suffiċjenti ta' waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Malta, b'tali mod li jkun jista' jagħmel użu minnha fil-prattika tal-professjoni;

(f) jissodisfa r-rekwiżiti ta' taħriġ akkademiku kif imfissra fl-artikoli 5 jew 6 jew 7;

(g) ikun wettaq tal-inqas sena (1) ta' taħriġ prattiku professjonali, mill-pubblikazzjoni tar-riżultati li jikkonfermaw it-tlestija b'suċċess tal-programm relattiv ta' taħriġ akkademiku, taħt is-superviżjoni ta' detentur tal-warrant, li jkun ilu bil-warrant mill-inqas għal għaxar (10) snin qabel ma tkun saret tali superviżjoni, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti:

Iżda taħriġ professjonali mwettaq fi Stat Membru għandu jiġi aċċettat, għal perjodu li ma jeċċedix sitt (6) xhur, sakemm il-Bord tal-Warrant ikun sodisfatt li s-superviżjoni tat-taħriġ professjonali tkun saret minn professjonist li għandu l-kwalifiki u l-esperjenza ekwivalenti;

(h) ikun ġie eżaminat u approvat mill-Bord tal-Warrant f'eżami jew f'eżamijiet għal dan il-għan, fi tmiem il-perjodu ta' taħriġ professjonali, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti.

Perit Arkitett.

5. (1) Għandu jkun hemm lista tad-detenturi kollha tal-warrant li jkunu ngħataw it-titolu ta' Perit Arkitett, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti.

(2) Kandidat għandu jkun intitolat jagħmel użu mit-titolu ta' Perit Arkitett, u konsegwentement jiddaħħal fil-lista relattiva, jekk minbarra r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3)(a) sa (h):

(a) ikun irċieva taħriġ akkademiku f'Malta, tal-inqas fil-livell kif imfisser mir-regolament 13(e) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, f'università jew istituzzjoni li toffri tagħlim komparabbli, għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin full-time, jew l-ekwivalenti ta' tliet mitt (300) ECTS u jkun temm b'suċċess l-eżamijiet finali f'livell universitarju, bl-arkitettura tkun il-qasam prinċipali ta' studju li jiggarantixxi li l-kandidat ikun laħaq profiċjenza tal-anqas f'dawk id-dixxiplini li jistgħu jiġu preskritti:

L.S. 451.03.

Iżda d-detenturi kollha tal-warrant, li isimhom ikun jidher fir-reġistru eżistenti ta' detenturi tal-warrant fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att, huma intitolati li jiddaħħlu f'din il-lista. Ċittadini ta' Stati Membri, jew pajjiżi terzi, li ġew reġistrati fir-reġistru eżistenti tad-detenturi tal-warrant fiż-żmien li dan l-Att ġie ppubblikat għandhom, abbażi tal-Anness V jew VI, ikunu

Verżjoni Elettronika

intitolati għar-reġistrazzjoni fil-lista ta' Perit Arkitett, skont il-kundizzjonijiet imposti mill-Bord tal-Warrant;

(b) jew, alternattivament għar-rekwiżiti tas-subartikolu (2)(a),

(i) ikun irċieva taħriġ akkademiku f'Malta tal-inqas fil-livell kif imfisser mir-regolament 13(e) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, f'università jew f'istituzzjoni ta' tagħlim komparabbli, għal perjodu minimu ta' erba' (4) snin full-time, jew l-ekwivalenti ta' mitejn u erbgħin (240) ECTS, u jkun temm b'suċċess l-eżamijiet finali fil-livell universitarju, bl-arkitettura tkun il-qasam prinċipali ta' studju li jiggarantixxi li l-kandidat ikun laħaq profiċjenza tal-inqas f'dawk id-dixxiplini li jistgħu jiġu preskritti; u L.S. 451.03.

(ii) ikun wettaq perjodu ta' taħriġ prattiku professjonali formali għall-perjodu minimu ta' sentejn (2) full-time, taħt is-superviżjoni ta', u evalwat minn, korp awtorizzat għal dan il-għan mill-Bord tal-Warrant u li jkun twettaq mhux aktar kmieni mit-tlestija b'suċċess tat-tielet sena tal-istudji, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti; tal-inqas sena (1) minn dan it-taħriġ għandu jkun iddedikat għall-konsolidazzjoni tal-għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa għall-prattika tal-professjoni.

(3) Kandidat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3)(a), li għandu d-dritt għat-titolu ta' "Arkitett" skont l-Anness V jew l-Anness VI, u li jixtieq jistabbilixxi lilu nnifsu f'Malta, għandu awtomatikament jitqies bħala kwalifikat biex jiddaħħal fil-lista ta' Perit Arkitett, dment li jissodisfa r-rekwiziti tal-artikolu 4(3)(ċ), (d) u (e). Kandidat li jibbenefika mid-drittijiet miksuba f'konformità mar-regolament 9 tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Perit, għandu jkollu ċertifikat li jikkonferma t-twettiq tal-attivitajiet inkwistjoni tal-inqas għal tliet (3) snin konsekuttivi matul il-ħames (5) snin ta' qabel l-għotja taċ-ċertifikat jew ċertifikat ieħor adegwat kif imsemmi fl-artikolu 49 tad-Direttiva 2005/36/KE: L.S. 390.05.

Iżda kandidat li ma jibbenefikax mill-Anness V, l-Anness VI jew l-Artikolu 49(1) u l-Artikolu 49(2) tad-Direttiva 2005/36/KE, iżda jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3)(a) u hu kwalifikat b'mod sħiħ bħala "Arkitett" fl-Istat tal-oriġini tiegħu, fejn din il-professjoni hija regolata, u li jixtieq jistabbilixxi lilu nnifsu f'Malta jista' jiġi kkunsidrat bħala kwalifikat biex jiddaħħal fil-lista ta' Perit Arkitett, dment li jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3) (ċ), (d) u (e):

Iżda wkoll fil-każ ta' applikant fejn il-professjoni fl-Istat tal-orġini mhix regolata, l-applikant ikun eżerċita l-professjoni fuq bażi full-time għal sena (1) jew għal perjodu kumplessiv ekwivalenti fuq bażi part-time matul l-għaxar (10) snin preċedenti fi Stat Membru ieħor li ma jirregolax il-professjoni, u għandu attestazzjoni waħda jew iktar ta' kompetenza jew evidenza ta' kwalifiki formali maħruġa minn Stat Membru ieħor li ma jirregolax il-professjoni, dment li jiġu osservati kwalunkwe kundizzjonijiet minimi ta' taħriġ stipulati f'dan l-Att:

Iżda wkoll l-evidenza ta' kwalifiki formali maħruġa minn pajjiż terz għandha titqies bħala evidenza ta' kwalifiki formali jekk id-detentur għandu tliet (3) snin ta' esperjenza professjonali fil-qasam tal-arkitettura fit-territorju tal-Istat Membru li jirrikonoxxi dik l-evidenza ta' kwalifika formali ċertifikata minn dak l-Istat Membru.

Perit Inġinier Ċivili.

6. (1) Għandu jkun hemm lista tad-detenturi kollha tal-warrant li jkunu ngħataw it-titolu ta' Perit Inġinier Ċivili.

(2) Kandidat għandu jkun intitolat jagħmel użu mit-titolu ta' Perit Inġinier Ċivili, u konsegwentement jiddaħħal fil-lista relattiva, jekk minbarra r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3)(a) sa (h):

L.S. 451.03.

(a) Ikun irċieva taħriġ akkademiku f'Malta, tal-inqas fil-livell kif imfisser mir-regolament 13(e) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, f'università jew istituzzjoni li toffri tagħlim komparabbli, għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin full-time, jew l-ekwivalenti għal tliet mitt (300) ECTS u jkun temm b'suċċess l-eżamijiet finali f'livell universitarju, bl-inġinerija ċivili tkun il-qasam prinċipali ta' studju li jiggarantixxi li l-kandidat ikun laħaq profiċjenza tal-anqas f'dawk id-dixxiplini li jistgħu jiġu preskritti:

Iżda d-detenturi kollha tal-warrant, li isimhom ikun jidher fir-reġistru eżistenti tad-detenturi tal-warrant fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att, għandhom ikunu intitolati li jiddaħħlu f'din il-lista. Ċittadini ta' Stati Membri, jew pajjiżi terzi, li ġew reġistrati fir-reġistru eżistenti tad-detenturi tal-warrant fiż-żmien li dan l-Att ġie ppubblikat, abbażi tar-reġistrazzjoni tagħhom bħala inġiniera ċivili fl-Istat tagħhom tal-oriġini, għandhom ikunu intitolati għar-reġistrazzjoni fil-lista ta' Perit Inġinier Ċivili, skont il-kundizzjonijiet imposti mill-Bord tal-Warrant;

(b) jew, alternattivament għar-rekwiżiti tas-subartikolu (2)(a):

Verżjoni Elettronika

(i) ikun irċieva taħriġ akkademiku f'Malta tal-inqas fil-livell kif imfisser mir-regolament 13(e) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, f'università jew f'istituzzjoni ta' tagħlim komparabbli, għall-perjodu minimu ta' erba' (4) snin full-time, jew l-ekwivalenti ta' mitejn u erbgħin (240) ECTS, u jkun temm b'suċċess l-eżamijiet finali fil-livell universitarju, bl-inġinerija ċivili tkun il-qasam prinċipali ta' studju li jiggarantixxi li l-kandidat ikun laħaq profiċjenza tal-inqas f'dawk id-dixxiplini kif jista' jiġi preskritt; u L.S. 451.03.

(ii) ikun wettaq perjodu ta' taħriġ formali professjonali għall-perjodu minimu ta' sentejn (2) full-time, taħt is-superviżjoni ta', u evalwat minn, korp awtorizzat għal dan il-għan mill-Bord tal-Warrant u li jkun twettaq mhux aktar kmieni mit-tlestija b'suċċess tat-tielet sena tal-istudji, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti; tal-inqas sena (1) minn dan it-taħriġ għandu jkun iddedikat għall-konsolidazzjoni tal-għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa għall-prattika tal-professjoni.

(3) Kandidat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3)(a), li huwa kompletament kwalifikat bħala inġinier ċivili fl-Istat tal-oriġini tiegħu, fejn din il-professjoni hija regolata, u li jixtieq jistabbilixxi lilu nnifsu f'Malta, jista' jitqies bħala kwalifikat biex jiddaħħal fil-lista ta' Perit Inġinier Ċivili, dment li jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3) (ċ), (d) u (e):

Iżda fil-każ ta' applikant fejn il-professjoni fl-Istat tal-orġini mhix regolata, l-applikant ikun eżerċita l-professjoni fuq bażi full-time għal sena (1) jew għal perjodu kumplessiv ekwivalenti, fuq bażi part-time matul l-għaxar (10) snin preċedenti fi Stat Membru ieħor li ma jirregolax il-professjoni, u għandu attestazzjoni waħda jew iktar ta' kompetenza jew evidenza ta' kwalifiki formali maħruġa minn Stat Membru ieħor li ma jirregolax il-professjoni:

Iżda wkoll l-evidenza ta' kwalifiki formali maħruġa minn pajjiż terz għandha titqies bħala evidenza ta' kwalifiki formali jekk id-detentur ikollu tliet (3) snin ta' esperjenza professjonali fil-qasam tal-inġinerija ċivili fit-territorju tal-Istat Membru li jirrikonoxxi dik l-evidenza ta' kwalifika formali ċertifikata minn dak l-Istat Membru.

Verżjoni Elettronika

TAQSIMA III
Aċċess Alternattiv għall-Professjoni.

Aċċess alternattiv għall-professjoni.

7. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti, f'każ li kandidat jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 4(3)(a) sa (e), iżda t-taħriġ tiegħu ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 4(3)(f) sa (h), għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) it-taħriġ ikopri materji sostanzjalment differenti li l-għarfien, il-ħila u l-kompetenza tagħhom huma essenzjali għall-eżerċizzju tal-professjoni, kif imfisser fl-evidenza tal-kwalifiki formali elenkati fl-artikoli 5 jew 6 u r-regolamenti rispettivi preskritti, jew

(ii) dak it-taħriġ kien ta' perjodu inqas minn dak indikat fl-artikoli 5 jew 6,

il-Bord tal-Warrant jista' jippermetti l-ammissjoni ta' dak il-kandidat fil-lista rispettiva, kemm-il darba dak il-kandidat jwettaq miżuri kumpensatorji, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti:

Iżda kull deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata b'mod ċar, sabiex l-applikant ikun jista' jifhem is-sitwazzjoni tiegħu.

(2) Il-miżuri kumpensatorji għandhom jinkludu perjodu ta' adattament sa tliet (3) snin, jew testijiet ta' ħila f'dawk il-materji fejn ikun ġie identifikat li hemm defiċjenza, meta mqabbel mar-rekwiżiti stipulati, bl-għażla tkun tal-kandidat.

(3) Meta migrant jissottometti evidenza ta' kwalifiki professjonali u akkademiċi miksuba f'pajjiż terz, u kemm-il darba jiġu osservati kwalunkwe kundizzjonijiet minimi ta' taħriġ stipulati fid-Direttiva 2005/36/KE fir-rigward tal-arkitetti, il-Bord tal-Warrant jista' jitlob li dak il-kandidat iwettaq tliet (3) snin ta' taħriġ professjonali fid-dixxiplina konċernata, taħt is-superviżjoni ta', u evalwata minn korp awtorizzat għal dan il-għan mill-Bord tal-Warrant, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti u sussegwentement il-Bord tal-Warrant ikun jista' jiċċertifika li dawk il-kwalifiki professjonali tqiesu bħala evidenza ta' kwalifiki formali f'Malta.

Aċċess parzjali.

8. (1) Meta ċittadin ta' Stat Membru għandu kwalifiki professjonali rikonoxxuti minn Stat Membru ieħor, iżda l-iskop tal-attivitajiet professjonali huwa aktar limitat minn dawk f'Malta, u d-differenzi fl-oqsma tal-attivitajiet huma tant sostanzjali li jkun meħtieġ li l-professjonist jagħmel programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jikkumpensa għan-nuqqasijiet, il-Bord tal-Warrant jista' jagħti lill-kandidat aċċess parzjali għall-professjoni, jew għall-finijiet ta'

Verżjoni Elettronika

stabbiliment f'Malta jew inkella għall-provvista ta' servizzi temporanja u okkażjonali, kemm-il darba l-professjonist jaqbel dwar dan:

Iżda dik l-attività professjonali għandha tkun tali li tista' tiġi oġġettivament separata mill-attivitajiet l-oħra li jaqgħu taħt il-professjoni.

(2) F'dan il-każ, l-eżerċizzju tal-professjoni għandu jitwettaq taħt it-titolu professjonali tal-Istat Membru tal-oriġini, kemm-il darba dan ma joħloqx konfużjoni għall-konsumaturi tas-servizz f'Malta.

(3) Il-Bord tal-Warrant għandu jżomm lista ta' dawk il-professjonisti li jkunu ngħataw aċċess parzjali, u deskrizzjoni xierqa tal-attività professjonali li huma jkunu awtorizzati li jwettqu f'Malta.

(4) Fornitur ta' servizzi li jipprattika l-professjoni abbażi ta' dan l-artikolu għandu jibqa' soġġett għar-regoli sew professjonali, statutorji jew ta' natura amministrattiva, li huma relatati direttament mal-kwalifiki professjonali, tifsira tal-professjoni, użu ta' titoli, nuqqas professjonali serju, relatati direttament u speċifikament mal-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur, u għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet dixxiplinarji li huma applikabbli għad-detenturi tal-warrant.

Provvista ta' servizzi temporanja u okkażjonali. L.S.390.05.

9. (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Perit u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikoli 4, 5 u 6 ta' dawk ir-Regolamenti, kwalunkwe persuna li hija legalment stabbilita fi Stat Membru ieħor, tista' tipprattika l-professjoni f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali, mingħajr il-ħtieġa li ssegwi l-proċeduri stipulati sabiex tidħol fir-reġistru tad-detenturi tal-warrant, kif soġġett għal rekwiżiti ulterjuri li jistgħu jiġu preskritti taħt dan l-Att. L-applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-provvista ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni riżervati għall-professjoni għandha tkun regolata mill-artikoli 8A(3) u 8B tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi. Kap. 426.

(2) F'dan ir-rigward, dik il-persuna għandha tavża lill-Bord tal-Warrant bil-quddiem, u għandha tissottometti:

(i) prova ta' nazzjonalità;

(ii) attestazzjoni li tiċċertifika stabbiliment legali fi Stat Membru;

(iii) evidenza ta' kwalifiki professjonali;

(iv) evidenza li l-persuna mhix ipprojbita milli

tipprattika, anke jekk temporanjament, fl-Istat Membru li fih hija stabbilita;

(v) dikjarazzjoni bil-miktub li tinkludi evidenza dokumentata tal-assigurazzjoni għal indennizz professjonali jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva li tkun tkopri dawk l-attivitajiet jew servizzi msemmija fl-artikolu 3(1) li jitwettqu f'Malta, liema dikjarazzjoni bil-miktub u evidenza dokumentata għandhom ikunu provduti darba fis-sena, għal kull sena li hija għandha l-intenzjoni li toffri servizzi f'Malta.

(3) F'każijiet fejn il-professjoni ma tkunx regolata fl-Istat Membru ta' stabbiliment, il-Bord tal-Warrant għandu, minbarra r-rekwiżiti stipulati fis-subartikolu (2), jitlob prova ta' mill-inqas sena (1) ta' esperjenza professjonali matul l-għaxar (10) snin preċedenti li jiġu minnufih qabel il-provvista tas-servizzi, qabel ma l-professjonist jingħata l-permess sabiex jipprattika f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali, mingħajr il-ħtieġa li jsegwi l-proċeduri stipulati għad-dħul fir-reġistru tad-detenturi tal-warrant.

(4) Il-Bord tal-Warrant għandu jevalwa n-natura temporanja u okkażjonali tal-provvista tas-servizzi għal kull każ partikolari, għal dak li għandu x'jaqsam ma' tul ta' żmien, frekwenza, regolarità u kontinwità. Il-Bord tal-Warrant għandu jkollu d-dritt li jitlob informazzjoni, fuq bażi annwali, dwar is-servizzi offruti f'Malta.

(5) Id-dikjarazzjonijiet minn fornituri ta' servizzi għandhom ikunu pproċessati mill-Bord tal-Warrant fi żmien xahar (1) minn meta jirċevihom. Dan jista' jew jippermetti l-provvista tas-servizz, jew, jekk hemm differenzi sinifikanti bejn il-kwalifiki professjonali tal-fornitur ta' servizzi u r-rekwiżiti ta' taħriġ f'Malta, il-kandidat jista' jiġi mitlub jagħmel test tal-ħila, dment li dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu kkumpensati b'esperjenza professjonali, ħiliet u kompetenzi miksuba permezz ta' tagħlim tul il-ħajja li jkun formalment validat. Il-Bord tal-Warrant għandu jinforma lill-fornitur ta' servizzi bid-deċiżjoni tiegħu mhux aktar tard minn xahar (1) minn meta jirċievi d-dikjarazzjoni u d-dokumenti relatati. F'każ li jkun meħtieġ test tal-ħila, dan għandu jsir fi żmien xahar (1) mid-deċiżjoni tal-Bord:

Iżda meta l-fornitur ta' servizzi jkollu d-dritt għat-titlu ta' "Arkitett" skont l-Anness V jew l-Anness VI, jew drittijiet miksuba b'konformità mar-regolament 9 tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Perit, dan għandu awtomatikament jindika ekwivalenza sħiħa mar-rekwiżiti ta' taħriġ f'Malta:

L.S. 390.05.

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll kull deċiżjoni għandha tkun ġustifikata b'mod ċar, inkluż paragun tal-livell ta' kwalifiki mitlub f'Malta u l-livell ta' kwalifiki miksuba, id-differenzi sostanzjali li huma importanti għall-eżerċizzju tal-professjoni f'termini ta' suġġetti u kontenut, u r-raġunijiet għaliex dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu kkumpensati bl-għarfien, ħiliet, u kompetenzi miksuba matul l-esperjenza professjonali jew miksuba permezz ta' tagħlim tul il-ħajja li jkun formalment validat għal dan il-għan, u għalhekk tispjega għalfejn minħabba dawn id-differenzi sostanzjali l-applikant ma jistax jeżerċita l-professjoni tiegħu b'mod sodisfaċenti f'Malta:

Iżda wkoll f'każ li jinħolqu diffikultajiet minħabba d-differenzi fil-kwalifiki professjonali, kif imsemmi aktar 'il fuq, li jwasslu għal dewmien fid-deċiżjoni tal-Bord, il-Bord għandu jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi bir-raġuni għal tali dewmien fi żmien xahar (1). Il-Bord għandu jsolvi d-diffikultà fi żmien xahar (1) min-notifika tiegħu u għandu jiffinalizza d-deċiżjoni tiegħu fi żmien xahrejn (2) minn meta tkun ġiet riżolta d-diffikultà.

(6) Fornitur ta' servizzi li jipprattika l-professjoni abbażi ta' dan l-artikolu għandu jibqa' soġġett għar-regoli sew professjonali, statutorji jew ta' natura amministrattiva, li huma relatati direttament mal-kwalifiki professjonali, definizzjoni tal-professjoni, użu ta' titoli, nuqqas professjonali serju, relatati direttament u speċifikament mal-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur, u għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet dixxiplinarji li huma applikabbli għad-detenturi tal-warrant.

(7) Il-professjonisti li l-kwalifiki professjonali tagħhom jiġu aċċettati mill-Bord tal-Warrant, huma intitolati li jużaw it-titolu ta' Perit Arkitett jew Perit Inġinier Ċivili, kif applikabbli u l-Bord tal-Warrant għandu jdaħħal l-isem ta' tali professjonisti fil-lista msemmija fl-artikolu 4 fuq bażi temporanja.

(8) Wara li jkun temm il-proċeduri kollha kif imfisser fis-subartikoli preċedenti, il-Bord tal-Warrant għandu, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata, jinforma lill-Kamra tal-Periti bid-dettalji ta' tali professjonist flimkien ma' kopja tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subparagrafu (v).

TAQSIMA IV
Bord tal-Warrant tal-Periti

Bord tal-Warrant tal-Periti.

10. (1) Għandu jkun hemm Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord tal-Warrant tal-Periti, li għandu jkun magħmul minn:

(a) chairman li għandu jiġi maħtur mill-Ministru,

b'konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti, minn fost persuni li huma detenturi ta' warrant ta' avukat u pprattikaw il-liġi għal tnax (12)-il sena jew aktar;

(b) żewġ (2) membri maħtura mill-Ministru minn fost id-detenturi tal-warrant, li ilhom bil-warrant mill-inqas għal tmien (8) snin, wieħed mil-lista ta' "Perit Arkitett" u l-ieħor mil-lista ta' "Perit Inġinier Ċivili";

(ċ) żewġ (2) membri maħtura mill-Kamra tal-Periti minn fost id-detenturi tal-warrant li jkunu ilhom bil-warrant mill-inqas għal tmien (8) snin, wieħed mil-lista ta' "Perit Arkitett" u l-ieħor mil-lista ta' "Perit Inġinier Ċivili"; u

(d) żewġ (2) membri li għandhom jiġu eletti b'votazzjoni sigrieta wara elezzjoni organizzata mill-Kamra tal-Periti skont regolamenti kif jista' jiġi preskritt, liema elezzjoni għandha ssir b'mod elettroniku fost id-detenturi tal-warrant bejniethom, dment li l-membri hekk eletti jkunu ilhom bil-warrant mill-inqas għal tmien (8) snin.

(2) Iċ-chairman għandu jinħatar għal terminu ta' erba' (4) snin u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra.

(3) Il-membri l-oħra tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal-perjodu ta' tliet (3) snin u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra:

Iżda matul l-ewwel tmintax (18)-il xahar, wieħed minn kull membru maħtur jew elett taħt is-subartikolu 1(b), (ċ) u (d), għandu jinħatar jew jiġi elett għal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar, sabiex sussegwentement, nofs l-imsemmija membri għajr iċ-chairman għandhom għal dan il-għan iċedu l-kariga tagħhom.

(4) Meta jkun hemm pożizzjoni vakanti fil-Bord, il-Ministru għandu, hekk kif ikun prattikabbli, fil-każ taċ-chairman, jew membru maħtur minnu, jaħtar persuna oħra biex timla l-pożizzjoni vakanti; f'każ ta' membru maħtur mill-Kamra, għandu jitlob lill-Kamra sabiex taħtar persuna oħra biex tokkupa l-pożizzjoni vakanti; u f'każ ta' membru elett, jiżgura li tiġi organizzata elezzjoni mill-Kamra sabiex timtela l-pożizzjoni vakanti.

(5) In-numru ta' membri meħtieġ sabiex ikun hemm quorum għandu jkun ta' erbgħa (4), iżda dment li jkun hemm quorum, li għandu jinkludi liċ-chairman, il-Bord ikun jista' jaġixxi minkejja kwalunkwe pożizzjoni vakanti fost il-membri tiegħu.

Verżjoni Elettronika

(6) Il-Ministru għandu jiżgura li l-Bord tal-Warrant tal-Periti għandu r-riżorsi neċessarji biex iwettaq id-dmirijiet indikati f'dan l-Att, inkluż it-twaqqif ta' segretarjat u għandu wkoll jiddelega uffiċjal pubbliku sabiex jaġixxi bħala segretarju tal-Bord, u tali segretarju għandu jattendi l-laqgħat tal-Bord iżda ma jkollux vot.

Funzjonijiet tal-Bord tal-Warrant.

11. (1) Il-Bord tal-Warrant għandu jkun l-awtorità nominata għall-professjoni, u għandu jkollu r-responsabbiltajiet, id-dmirijiet, is-setgħat u l-awtorità kif stipulat hawn taħt u kif jista' jiġi preskritt b'mod ulterjuri permezz ta' regolamenti:

(a) jikkunsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ tal-warrant u jagħmel rakkomandazzjonijiet jekk dan ikun meħtieġ;

(b) jirċievi kwalunkwe dokumentazzjoni minn kull persuna eliġibbli għall-provvista ta' servizz temporanju u okkażjonali skont l-artikolu 9 u jwettaq kwalunkwe proċess ieħor kif stipulat f'dan l-Att;

(ċ) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru;

(d) iwettaq il-funzjonijiet l-oħra kollha assenjati lilu taħt dan l-Att.

(2) Salv għal dak stabbilit aktar 'il fuq, il-Bord jista' jagħmel ir-regoli tiegħu u jirregola l-proċeduri tiegħu. Il-Bord għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod indipendenti u skont il-ġudizzju tiegħu. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord jista':

(a) jikkonsulta persuni kif jista' jidhirlu li huwa xieraq, u

(b) jista' wkoll jaħtar sottokumitati fejn iċ-chairman tal-Bord, jew id-delegat tiegħu, għandu wkoll ikun iċ-chairman, għall-finijiet tat-twettiq tad-dmirijiet u kompiti li l-Bord jista' jassenjalhom.

(3) Il-funzjonijiet tal-Bord tal-Warrant għandhom ikunu dawk li għandhom jiġu stipulati permezz ta' regolamenti skont dan l-Att.

TAQSIMA V
Twaqqif tal-Kamra tal-Periti u l-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti

Twaqqif tal-Kamra tal-Periti.

12. (1) Il-Kamra tal-Periti hija kostitwita b'kontinwazzjoni taċ-Chamber of Architects and Civil Engineers stabbilita permezz tal-Ordinanza Nru XIV tal-1919 (Avviż tal-Gvern Nru 202 tat-12 Ġunju 1920) u sussegwentement fl-artikolu 8(1) tal-Att XIV tal-1996.

(2) Il-Kamra tal-Periti għandha tkun ir-regolatur nazzjonali u l-korp rappreżentattiv rikonoxxuta u approvata tal-professjoni bil-għan li:

(a) tavvanza l-prattika marbuta mal-attivitajiet tal-professjoni tal-arkitettura u inġinerija ċivili f'Malta;

(b) tikkorrispondi mal-Gvern, u viċi-versa, fuq il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-professjoni, inkluż pariri lill-Gvern dwar il-formulazzjoni ta' politika pubblika relatata mal-ambjent mibni;

(ċ) tiżgura li l-membri kollha tal-professjoni jaġixxu b'mod responsabbli u etiku, b'kunsiderazzjoni għall-prattiċi ta' żvilupp sostenibbli, il-protezzjoni tal-wirt nazzjonali, kulturali, soċjali u ambjentali, iż-żamma tas-saħħa u s-sigurtà pubblika u l-integrità strutturali qabel, matul u wara l-proċessi ta' kostruzzjoni, u b'osservanza tal-Kodiċi għall-Imġiba Professjonali, kif jista' jiġi preskritt permezz ta' regolamentazzjoni.

(3) Il-Kamra tal-Periti għandha ġurisdizzjoni fit-termini ta' dan l-artikolu fuq is-servizzi kollha provduti mill-professjoni f'Malta taħt dan l-Att.

(4) Id-detenturi kollha tal-warrant għandhom jagħmlu parti mill-Kamra malli jiddaħħlu fir-reġistru miżmum mill-Bord tal-Warrant, u għandhom isegwu r-regoli u regolamenti tagħha u kwalunkwe direttivi maħruġa minnha, u jkunu intitolati jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha. Barra minn hekk, dawn id-detenturi kollha tal-warrant għandu jkollhom id-dritt li jivvutaw fil-laqgħat ġenerali tal-Kamra u li jagħmlu użu minn kwalunkwe servizzi li tipprovdi l-Kamra bi ħlas li jiġi stabbilit mill-Kunsill tagħha.

(5) Il-Ministru għandu jippreskrivi l-kundizzjonijiet u r-regoli rikjesti għat-twaqqif legali u amministrattiv tal-Kamra, iż-żamma tagħha u l-validità tad-deċiżjonijiet tagħha, u sabiex jiġu deċiżi l-obbligi u s-setgħat tagħha.

(6) Il-Kamra għandha tkun rappreżentata minn Kunsill li għandu jiġi kostitwit f'konformità mar-regolamenti stipulati.

(7) Il-Ministru għandu, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Kamra, jagħmel regolamenti sabiex:

(a) il-Kunsill tal-Kamra jkollu s-setgħa u d-dover li jwettaq inkjesti f'każijiet ta' mġiba professjonali mhux xierqa jew prattiċi ħżiena jew abbużi jew nuqqasijiet imwettqa minn

Verżjoni Elettronika

jew kontra kwalunkwe detentur tal-warrant b'rabta mal-eżerċizzju tal-professjoni jew ma' kwistjonijiet professjonali, sabiex jiġi stabbilit jekk dawn jiksrux il-Kodiċi ta' Mġiba Professjonali, jew humiex inkonsistenti mad-dinjità u mal-prattiċi tajba tal-professjoni, skont proċeduri kif preskritti permezz ta' regolamenti;

(b) il-Kunsill tal-Kamra jkollu s-setgħa li jiddelega l-investigazzjoni ta' kwalunkwe ksur tal-Kodiċi ta' Mġiba Professjonali lil Bord independenti li għandu jkun magħruf bħala l-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti mwaqqaf għal dan il-għan;

(ċ) permezz ta' dispożizzjonijiet jiġi assigurat l-infurzar ta' kull deċiżjoni tal-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti, inkwantu dawn huma relatati ma' dispożizzjonijiet taħt l-artikolu 14(4), f'liema każijiet l-infurzar jibqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Warrant;

(d) il-Kunsill tal-Kamra jkollu l-awtorità u responsabbiltà li jiġbor u d-dritt li jitlob informazzjoni mingħand id-detenturi tal-warrant, relatata mal-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali;

(e) il-Kunsill tal-Kamra jkollu l-awtorità sabiex kull sena joħroġ ċertifikat għall-prattika lil kull detentur tal-warrant, kemm-il darba huwa jkun sodisfatt li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18 u kwalunkwe dispożizzjonijiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti, ikunu ġew sodisfatti;

(f) il-Kunsill tal-Kamra jkollu l-awtorità jiġbor miżata ta' applikazzjoni b'rabta mal-ipproċessar ta' kwalunkwe allegat ksur tal-Kodiċi ta' Mġiba Professjonali jew tal-artikolu 20;

(g) il-Kunsill tal-Kamra jkollu l-awtorità sabiex joħroġ timbru professjonali lil kull detentur tal-warrant jew soċjetà hekk kif jirċievi ċ-ċertifikat għall-prattika;

(h) il-Kunsill tal-Kamra jkollu l-awtorità jiġbor miżata amministrattiva mingħand id-detenturi tal-warrant b'rabta mal-ipproċessar tad-dikjarazzjoni annwali tagħhom skont l-artikolu 18.

Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti.

13. (1) Il-Kamra għandha tirreferi l-investigazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe ksur allegat min-naħa tal-Periti fit-termini ta' dan l-Att lil bord, li għandu jkun magħruf bħala l-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti, li għandu jkun magħmul minn:

(a) chairman li għandu jinħatar mill-Ministru, b'konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti, minn fost imħallfin jew maġistrati rtirati;

(b) żewġ (2) membri magħżula miċ-chairman għal kull każ li jiġi ddelegat mill-Kunsill tal-Kamra lill-Bord minn lista ta' detenturi tal-warrant, liema għażla tkun bil-polza, wara li l-Kunsill tal-Kamra tal-Periti jkun għamel sejħa mill-inqas kull sentejn (2) għal nomini għal detenturi tal-warrant li ilhom bil-warrant mill-inqas għal ħmistax (15)-il sena;

(ċ) żewġ (2) membri magħżula direttament miċ-chairman mid-detenturi tal-warrant nominati u li jkollhom esperjenza fil-materja diskussa.

(2) Iċ-chairman għandu jiġi maħtur għal perjodu ta' tliet (3) snin, u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tiegħu.

(3) Il-membri l-oħra tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm il-każ li għalih ikunu ġew maħtura miċ-chairman ikun konkluż:

Iżda ċ-chairman u d-detenturi tal-warrant identifikati skont artikolu 13(1)(b) għandhom jieħdu ġurament biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom skont il-liġi u b'imparzjalità, quddiem Kummissarju b'setgħa li jagħti Ġurament.

(4) Meta l-kariga ta' chairman tal-Bord tkun vakanti, il-Ministru għandu, hekk kif ikun prattikabbli, jaħtar persuna oħra biex timla l-vakanza b'konsultazzjoni mal-Kamra.

(5) Meta jkun hemm xi vakanzi fost il-membri, għandha tinħatar persuna oħra miċ-chairman mil-lista hawn fuq imsemmija sabiex timla din il-vakanza għall-bqija tat-terminu:

Iżda fil-każ li ma jkunx hemm persuni oħra disponibbli sabiex timtela din il-vakanza l-Kamra għandha toħroġ sejħa għal tali nomini.

(6) In-numru ta' membri meħtieġ biex ikun hemm quorum għandu jkun ta' erbgħa (4), iżda, dment li jkun hemm quorum, li għandu jinkludi liċ-chairman, il-Bord ikun jista' jaġixxi minkejja kwalunkwe pożizzjoni vakanti fost il-membri tiegħu.

Kap. 490.

(7) Il-Bord għandu jiġi elenkat taħt l-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att għandhom japplikaw, ħlief li s-seduti tal-Bord ma għandhomx jinżammu fil-pubbliku.

Verżjoni Elettronika

(8) Il-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti għandu jwettaq inkjesti fir-rigward ta' prattiċi professjonali tad-detentur tal-warrant sabiex jistabbilixxi jekk dawn jiksrux il-Kodiċi ta' Mġiba Professjonali jew humiex inkonsistenti mad-dinjità u l-prattika xierqa tal-professjoni, u fir-rigward ta' kwalunkwe abbużi jew nuqqasijiet attribwiti lilu fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu jew b'rabta ma' ħwejjeġ professjonali, biss wara li jkun ġie ddelegat biex jagħmel dan mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti u jekk il-Kunsill, wara li jkun għamel l-investigazzjonijiet neċessarji, isib li hemm każ għal azzjoni, għandu jirreferi tali każ lill-Bord. Id-deċiżjoni tal-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti għandha tinkludi r-raġunijiet għas-sospensjoni taċ-ċertifikat għall-prattika jew revoka tal-warrant, kif ukoll il-minuti relevanti tal-laqgħat u, jew tas-seduti tal-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti.

(9) Il-Bord jista' jagħmel ir-regoli tiegħu u xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu stess b'konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Kamra tal-Periti. Il-Bord għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu indipendentement u skont il-ġudizzju tiegħu:

Iżda l-evidenza kollha għandha tiġi ppreżentata taħt ġurament, liema ġurament għandu jiġi amministrat miċ-chairman.

(10) (a) L-għażla tal-membri tal-Bord miċ-chairman, għal każijiet imressqa quddiem il-Bord, għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda possibbiltà jew perċezzjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali matul id-determinazzjoni ta' każijiet speċifiċi.

(b) Membru għandu jkun skwalifikat milli jpoġġi fuq il-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti jekk:

(i) ikun relatat fil-linja diretta b'konsangwinità jew b'affinità mal-persuna li qed tressaq l-ilment jew mal-persuna li fil-konfront tagħha qed isir l-ilment;

(ii) ikun relatat b'konsangwinità fil-grad ta' aħwa, ziju jew neputi, ziju tal-ġenituri jew tfal tan-neputijiet jew kuġin, jew jekk ikun relatat b'affinità fil-grad ta' aħwa, ziju jew neputi, mal-persuna li qed tressaq l-ilment jew mal-persuna li lilha jkun qed jiġi notifikat l-ilment;

(iii) ikun it-tutur, kuratur, jew werriet prežuntiv tal-persuna li qed tressaq l-ilment jew tal-persuna li lilha jkun qed jiġi notifikat l-ilment;

(iv) huwa jew kien l-aġent tal-persuna li qed tressaq l-ilment jew tal-persuna li lilha jkun qed jiġi notifikat l-ilment;

Verżjoni Elettronika

(v) b'xi mod kien esprima ruħu fuq il-materja inkwistjoni;

(vi) il-persuna li qed tressaq l-ilment jew il-persuna li lilha jkun qed jiġi notifikat l-ilment jipproponu li jsejħulu bħala xhud;

(vii) hu, jew il-konjuġi tiegħu, huwa direttament jew indirettament interessat fl-eżitu tal-każ;

(viii) kellu tilwim, argument jew nuqqas ta' qbil ta' kwalunkwe natura mal-persuna li qed tressaq l-ilment jew mal-persuna li lilha jkun qed jiġi notifikat l-ilment.

(ċ) Membru jista' jiġi kkontestat jew jastjeni mis-smigħ fl-ewwel seduta appuntata tal-każ, sakemm ma jitressqux raġunijiet ta' skwalifika f'seduti sussegwenti.

(d) Kull membru li jkun soġġett għall-kontestazzjoni għandu jiddikjara permezz ta' deċiżjoni parzjali jekk hemmx raġuni biex jastjeni abbażi ta' dan l-artikolu.

(e) Appell minn deċiżjoni parzjali mogħtija abbażi tal-paragrafu (d) jista' jiġi ppreżentat biss flimkien ma' appell mid-deċiżjoni finali tal-Bord.

Deċiżjonijiet tal-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti.

14. (1) Hekk kif jiġi inkarigat mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti biex jinvesitga kwalunkwe allegazzjonijiet kif stipulat taħt dan l-Att, il-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti għandu, wara proċedura dovuta, jiddetermina li jaċċetta jew jirrifjuta b'mod sħiħ jew parzjalment, l-allegazzjonijiet imsemmija u jiddetermina l-azzjoni dixxiplinarja li għandha tittieħed kontra kwalunkwe detentur tal-warrant li jinstab ħati ta' mġiba professjonali mhux xierqa jew li b'xi mod tikser il-Kodiċi ta' Mġiba Professjonali jew l-artikolu 21(1)(a), bl-għoti ta' raġunijiet għal tali deċiżjoni, liema azzjoni dixxiplinarja għandha tkun iggwidata f'konformità ma' dan l-Att:

Iżda d-detentur tal-warrant għandu jkollu d-dritt li jkun rappreżentat matul dawn il-proċedimenti mill-avukat tiegħu f'kull stadju tal-proċess. Jekk id-detentur tal-warrant ma jkunx rappreżentat permezz ta' avukat, dan għandu jitniżżel fil-minuti u l-Bord għandu espressament jitolbu biex jikkunsidra jaħtar avukat:

Iżda wkoll l-ebda piena ma għandha tingħata mill-Bord sa ma d-detentur tal-warrant li jkun qed jiġi akkużat jingħata l-opportunità sħiħa biex jagħmel id-difiża tiegħu, salv id-dritt li jappella mid-deċizjoni tal-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell fi żmien u b'dak il-mod u l-forma li għandhom jiġu preskritti minn żmien għal żmien:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll kull deċiżjoni dwar azzjoni dixxiplinarja għandha tkun sostnuta mill-inqas minn tliet (3) membri tal-Bord.

(2) Meta d-detentur tal-warrant ikun kiser xi dispożizzjonijiet taħt dan l-Att, il-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti għandu, wara l-proċess dovut skont dan l-Att u r-regolamenti relevanti, joħroġ twissija, jimponi multa li ma teċċedix il-ħamest elef euro (€5,000) jew iħassar jew jissospendi l-warrant għal perjodu li ma jeċċedix is-sitt (6) xhur, jew kemm tali multa u revoka jew sospensjoni.

(3) Id-deċiżjoni tal-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti għandha tiġi riferuta lill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti, li għandu:

(a) jikkomunika tali deċiżjoni lid-detentur tal-warrant u lill-persuna li tkun ressqet l-ilment;

(b) fil-każ ta' deċiżjoni biex tinħareġ twissija jew twiddiba pubblika, jipproċedi għall-ħruġ ta' tali twissija jew twiddiba;

(ċ) fil-każ ta' deċiżjoni li tinkludi l-impożizzjoni ta' multa, jistipula ż-żmien li fih dik il-multa għandha titħallas, u jiġbor dik il-multa permezz ta' kwalunkwe metodu ta' ħlas li jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien;

(d) fil-każ ta' deċiżjoni li tissospendi lid-detentur tal-warrant jew fornitur ta' servizzi milli jipprattika għal perjodu definit, jipproċedi biex jissospendi ċ-ċertifikat għal prattika rilevanti għal perjodu preskritt mill-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti, u jinforma lill-Bord tal-Warrant dwar tali sospensjoni;

(e) fil-każ ta' revoka tal-warrant, jinforma lill-Bord tal-Warrant li għandu jipproċedi biex iwettaq tali revoka fiż-żmien stipulat mill-Kamra tal-Periti.

(4) L-ebda azzjoni dixxiplinarja kontra d-detentur tal-warrant jew fornitur ta' servizzi ma għandha tidħol fis-seħħ qabel ma jkunu ġew eżawriti l-proċedimenti kollha, inkluż id-dritt għas-sottomissjoni ta' appell skont artikolu 23.

TAQSIMA VI
Użu ta' Titoli Professjonali, Soċjetajiet bejn Periti u Forom ta' Prattika

Użu ta' titoli professjonali.

15. (1) It-titoli ta' Perit, Perit Arkitett, Perit Inġinier Ċivili, Perit Arkitett u Inġinier Ċivili u Periti huma titoli regolati u protetti, u l-użu mhux awtorizzat ta' dawn it-titoli, jew aġir li b'xi mod jissuġġerixxi awtorità sabiex wieħed jagħmel użu mit-titoli, għandhom

Verżjoni Elettronika

jikkostitwixxu reat u jkunu soġġetti għall-penali preskritti fl-artikolu 26.

(2) Dawk id-detenturi tal-warrant li jitniżżlu fil-lista ta' Perit Arkitett għandhom id-dritt li jużaw it-titolu ta' Perit Arkitett. Dawk id-detenturi tal-warrant li jitniżżlu fil-lista ta' Perit Inġinier Ċivili għandhom id-dritt li jużaw it-titolu ta' Perit Inġinier Ċivili. Dawk id-detenturi tal-warrant li jitniżżlu fiż-żewġ listi għandhom id-dritt li jużaw it-titolu kkombinat ta' Perit Arkitett u Inġinier Ċivili. Huma biss dawk is-soċjetajiet li jitniżżlu fil-lista tal-Periti li għandhom id-dritt jagħmlu użu mit-titolu ta' Periti.

Soċjetajiet bejn Periti.

16. (1) Żewġ detenturi jew aktar tal-warrant jistgħu jidħlu fi ftehim permezz ta' skrittura privata, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "soċjetà bejn periti", li l-għan esklużiv tagħha jkun l-eżerċizzju kollettiv tal-professjoni.

(2) L-ebda persuna għajr detentur tal-warrant ma jista' jkun soċju f'soċjetà bejn periti.

(3) Kull tali soċjetà, meta tiġi ffurmata, għandha tkun reġistrata mal-Bord tal-Warrant, u hekk kif tiġi reġistrata, is-soċji għandhom, sakemm tibqa' hekk reġistrata, ikunu awtorizzati li jaġixxu f'isem kif ukoll għan-nom tas-soċjetà, li għandha tkun intitolata għall-użu tat-titolu ta' Periti.

(4) (a) B'riżultat tal-iskrittura msemmija fis-subartikolu (1), il-firmatarji jaqblu li jkunu responsabbli *in solidum* għall-għemil u għan-nuqqasijiet ta' kull wieħed minnhom fit-twettiq tad-dmirijiet professjonali tagħhom, fiż-żamma tal-livelli u tal-imġiba professjonali meħtieġa u b'mod ġenerali fit-twettiq tal-obbligi tagħhom taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra applikabbli. Għandhom ukoll ikunu responsabbli *in solidum* għal kull telf jew danni riżultanti mill-istess.

(b) Kull azzjoni jew ħaġa li tista' ssir minn detentur tal-warrant tista' ssir minn wieħed jew aktar mill-firmatarji f'isem il-firmatarji kollha, u kull azzjoni jew ħaġa li ssir f'isem il-firmatarji, għandha ssir minn wieħed jew aktar mill-firmatarji.

(ċ) Ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet għal kull ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir matul il-perjodu li fih id-detentur tal-warrant kien firmatarju għal ftehim kif imsemmi fis-subartikolu (1) ma għandhomx jieqfu, fir-rigward ta' tali persuna, mal-irtirar tiegħu, mewt jew raġuni oħra li minħabba fiha ma jibqax firmatarju, sakemm il-ftehim ma jistipulax xort'oħra għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Warrant, u dak il-ftehim ikun sar permezz ta' skrittura pubblika quddiem nutar pubbliku u reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Verżjoni Elettronika

(5) Għandu jkun hemm lista tas-soċjetajiet kollha li jkunu ġew irreġistrati mill-Bord tal-Warrant skont is-subartikolu (3) u l-Bord tal-Warrant għandu jniżżel fil-lista, l-isem operazzjonali ta' dik is-soċjetà ta' detenturi tal-warrant, kif ukoll l-ismijiet tad-detenturi tal-warrant individwali firmatarji tal-ftehim imsemmi fis-subartikolu (1), wara li dak il-ftehim ikun ġie vverifikat flimkien mal-istatus professjonali tal-firmatarji individwali, skont regolamenti li jistgħu jiġu preskritti.

(6) Kull soċjetà reġistrata mal-Bord tal-Warrant għandu jkollha numru uniku ta' reġistrazzjoni, li għandu jintuża sabiex tiġi identifikata s-soċjetà. Dan in-numru ta' reġistrazzjoni għandu jintuża sabiex tiġi kkonfermata d-dokumentazzjoni kollha formali maħruġa mis-soċjetà fit-twettiq tal-professjoni, taħt it-termini tal-ftehim imsemmi fis-subartikolu (1).

(7) Mar-reġistrazzjoni, u sakemm din tibqa' hekk reġistrata, kull firmatarju għandu jkun awtorizzat sabiex jaġixxi f'isem u għan-nom tal-firmatarji kollha.

(8) Kull soċjetà għandha tipprovdi lill-Bord tal-Warrant kull tagħrif li jista' jiġi raġonevolment rikjest jew kif jista' jiġi preskritt, u għandha tavża lill-Bord b'kull tibdil rilevanti f'kull tagħrif mogħti lilu preċedentement, fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data li fiha jkun sar dak it-tibdil. Kull nuqqas f'dan ir-rigward għandu jitqies bħala reat u għandu, malli tiġi stabbilita l-ħtija, ikun soġġett għal multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250).

Forom ta' prattika.

17. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 16, kull personalità ġuridika rikonoxxuta minn, jew miksuba wara reġistrazzjoni skont il-Liġijiet ta' Malta u stabbilita f'Malta, jew il-liġijiet tal-Istat Membru li fih hija stabbilita fil-każ ta' servizzi transkonfinali offruti skont id-Direttiva dwar is-Servizzi, tista' tipprovdi servizzi ta' arkitettura u inġinerija ċivili, iżda għal dawk is-servizzi professjonali riżervati minn xi Liġi ta' Malta għad-detentur tal-warrant, l-ismijiet tal-Perit jew Periti, jew il-professjonisti li jkunu qed iwettqu dawk is-servizzi skont dan l-Att u li għandhom jassumu r-responsabbiltajiet riżultanti minn dawn is-servizzi professjonali riżervati, għandhom ikunu identifikati b'mod ċar fi kwalunkwe komunikazzjoni formali jew kuntratt ta' servizzi jew materjal promozzjonali; u kemm-il darba jkun hemm poloz ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali xierqa skont l-artikolu 18 maħruġa fl-ismijiet ta' tali detentur tal-warrant jew fornitur ta' servizzi, liema poloz ta' assigurazzjoni għandhom ikunu disponibbli għal spezzjoni minn kwalunkwe persuna li tixtieq tagħmel użu mis-servizzi professjonali relattivi.

Verżjoni Elettronika

TAQSIMA VII
Assigurazzjoni u Effetti ta' Ċessjoni, Sospensjoni jew Revoka ta' Warrant jew Kanċellazzjoni ta' Reġistrazzjoni, inkluż Reġistrazzjoni ta' Soċjetà

Assigurazzjoni.

18. (1) Kull detentur tal-warrant jew soċjetà reġistrata taħt dan l-Att għandhom, fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet jew servizzi kollha, li skont il-Liġijiet ta' Malta jistgħu jitwettqu biss minn detentur tal-warrant, ikunu koperti permezz ta' assigurazzjoni għal indennizz professjonali, jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva fir-rigward tar-responsabbiltà professjonali, b'tali mod u għal tali ammont kif jista' jiġi preskritt f'regolamenti magħmula mill-Ministru taħt dan l-Att, kontra kull responsabbiltà legali li tali detentur tal-warrant jew soċjetà jistgħu jkunu soġġetti għaliha, għall-kumpens fir-rigward ta' telf jew dannu lil xi persuna jew oġġett b'riżultat ta' kwalunkwe att negliġenti, ksur ta' obbligi imposti mil-liġi, żball jew nuqqas kommessi mid-detentur tal-warrant, mis-soċjetà, kwalunkwe soċju tagħha jew kwalunkwe mill-impjegati fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom:

Iżda f'każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li joffru servizzi fuq bażi temporanja u okkażjonali, skont l-artikolu 9, kull meta tkun meħtieġa kopertura ta' assigurazzjoni għal indennizz jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva fir-rigward tar-responsabbiltà professjonali, skont raġunijiet prevalenti taħt l-artikolu 6(1)(b) tal-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern, li jikkonċernaw il-politika pubblika, sigurtà pubblika, saħħa pubblika jew il-protezzjoni tal-ambjent, il-kopertura ta' assigurazzjoni għal indennizz jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva fir-rigward tar-responsabbiltà professjonali fl-Istat Membru tal-oriġini, kif dikjarat lill-Bord tal-Warrant skont it-termini tal-artikolu 9(2)(v), u li jkunu suffiċjenti sabiex ikopru dawk l-attivitajiet jew servizzi kollha, li skont il-Liġijiet ta' Malta jistgħu jitwettqu biss minn detenturi tal-warrant, li jitwettqu f'Malta għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu.

Kap. 500.

(2) L-assigurazzjoni għal indennizz professjonali msemmija fis-subartikolu (1) għandha:

(a) tkun adegwata għan-natura u l-firxa tar-riskju;

(b) tipprovdi indennizz għar-responsabbiltajiet riżultanti mill-attivitajiet u servizzi kollha tad-detentur tal-warrant jew soċjetà, li skont il-Liġijiet ta' Malta jistgħu jitwettqu biss minn detenturi tal-warrant, provduti fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu ta' assigurazzjoni u mill-inqas il-ħames (5) snin minnufih qabel il-bidu tal-polza, jew mid-data tal-warrant jekk inqas minn ħames (5) snin;

Verżjoni Elettronika

(ċ) tipprovdi indennizz għal talbiet li jirriżultaw mir-responsabbiltajiet imsemmija fil-paragrafu (b) matul il-perjodu ta' assigurazzjoni u għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames (5) snin wara l-waqfien tal-polza bħala riżultat ta' rtirar jew ta' meta d-detentur tal-warrant ikun waqaf milli jkollu warrant:

Iżda meta detentur ta' warrant ikun wettaq attivitajiet jew ipprovda servizzi, li skont il-Liġijiet ta' Malta jistgħu jitwettqu biss minn detentur tal-warrant, waqt li jkun impjegat skont l-artikolu 17, min iħaddem għandu jkompli jipprovdi kopertura għall-indennizz professjonali għad-detentur ta' warrant fl-impjieg tiegħu għall-perjodu tar-responsabbiltà professjonali kollu, anke jekk l-impjieg tad-detentur ta' warrant għal xi raġuni jintemm.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx għal detentur tal-warrant li hu impjegat tal-amministrazzjoni pubblika fir-rigward ta' kwalunkwe attivitajiet jew servizzi, li skont il-Liġijiet ta'Malta jistgħu jitwettqu biss minn detentur tal-warrant, u li huwa jipprovdi f'isem l-amministrazzjoni pubblika fl-iskop tal-impjieg tiegħu u dan għaliex l-amministrazzjoni pubblika tkun responsabbli għall-obbligazzjonijiet ta' detentur tal-warrant li jirriżultaw mis-subartikolu (1), anke jekk tali impjegat ma jibqax impjegat tal-amministrazzjoni pubblika:

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "amministrazzjoni pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta inklużi l-ministeri u d-dipartimenti tiegħu, il-korpi speċjalizzati u l-aġenziji, l-entitajiet tal-Gvern u l-organizzazzjonijiet li fihom il-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi.

(4) Kull detentur tal-warrant jew soċjetà li huma meħtieġa li jkunu koperti b'assigurazzjoni għal indennizz taħt dan l-artikolu għandhom kull sena jinfurmaw lill-Kamra bil-miktub bl-isem tal-kumpanija tal-assigurazzjoni, in-numru relattiv tal-polza tal-assigurazzjoni, jipprovdu evidenza dokumentata mill-kumpanija tal-assigurazzjoni li tali persuna jew ditta huma attwalment koperti mill-polza tal-assigurazzjoni identifikata, u għandhom jiddikjaraw lill-Kamra li tali livell ta' kopertura ta' assigurazzjoni jammonta għal mhux inqas minn tali livell minimu kif jista' jiġi preskritt fir-regolamenti magħmula mill-Ministru taħt dan l-Att:

Iżda kwalunkwe detentur tal-warrant jew soċjetà li tagħżel minflok tkun koperta bi kwalunkwe mezz ieħor ta' protezzjoni personali jew kollettiva għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha relevanti lill-Kamra għall-iskrutinju tagħha sabiex taċċerta li jkun hemm il-protezzjoni minima kif preskritt fir-regolamenti msemmija hawn fuq:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw għal detentur tal-warrant li jissottometti ittra lill-Kamra fejn jiddikjara li huwa mhux qed jipprovdi xi attività jew servizz, li skont il-Liġijiet ta' Malta jistgħu jitwettqu biss minn detentur tal-warrant, jissottometti evidenza dokumentarja kif elenkat f'dan is-subartikolu li tikkonferma kopertura skont is-subartikolu (2), u jirritorna t-timbru lill-Kamra:

Iżda wkoll f'kull tali każ, il-Kamra għandha taċċetta d-dikjarazzjoni tad-detentur tal-warrant mingħajr il-ħtieġa ta' mistoqsijiet jew rikjesta ta' kjarifiki ulterjuri:

Iżda wkoll f'kull tali każ, id-detentur tal-warrant għandu jinforma lill-Kamra tal-Periti skont ir-rekwiżiti indikati fis-subartikolu (4) rigward il-kopertura għal dawk l-attivitajiet u servizzi, li skont il-Liġijiet ta' Malta jistgħu jitwettqu biss minn detentur tal-warrant, li jkun wettaq jew ipprovda fil-perjodu ta' qabel ma waqaf jeżerċita l-professjoni u dan għal kull sena li jifdal li jkun obbligat li jkun kopert permezz ta' assigurazzjoni għal indennizz professjonali skont dan l-Att.

Ċessjoni tal-warrant.

19. (1) Warrant maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jista' jiġi rtirat jew kanċellat mill-Bord tal-Warrant, fuq talba tad-detentur tal-warrant.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), jista' fi kwalunkwe waqt jinħareġ warrant ġdid, dment li ma jkunux għaddew għaxar (10) snin mid-data li fiha tali warrant ikun ġie revokat jew kanċellat, kemm-il darba l-kondizzjonijiet għal tali ħruġ ikunu ġew sodisfatti u l-Bord tal-Warrant jiġi kkonsultat u ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

(3) Jekk il-perjodu ta' għaxar (10) snin imsemmi fis-subartikolu (2) ikun għadda, l-applikant ikollu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-artikolu 3(2).

(4) Ir-responsabbiltajiet u l-obbligi għal kull ħaġa magħmula jew li naqset milli ssir matul il-perjodu li fih il-professjonist kien detentur tal-warrant, m'għandhomx jieqfu wara ċ-ċessjoni tal-warrant. L-obbligu taż-żamma ta' kopertura tal-assigurazzjoni skont l-artikolu 18 għandu jibqa' japplika.

Xoljiment jew bdil fis-soċjetà.

20. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi tal-warrant maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att tista' tiġi xolta jew emendata, fuq talba tas-soċjetà, dment li r-rekwiżiti tas-subartikolu (2) jiġu sodisfatti.

(2) Ir-responsabbilitajiet u l-obbligi għal kwalunkwe ħaġa magħmula jew li naqset milli ssir matul il-perjodu li matulu kienet

Verżjoni Elettronika

teżisti s-soċjetà m'għandhomx jieqfu wara x-xoljiment jew l-emenda tagħha u għandhom jibqgħu effettivi *in solidum* fir-rigward ta' kull soċju skont dan l-Att u liġijiet oħra rilevanti, sakemm il-ftehim tas-soċjetà ma jistipulax xort'oħra għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Warrant. L-obbligu li tinżamm kopertura tal-assigurazzjoni skont artikolu 18 għandu jibqa' japplika.

Sospensjoni jew revoka ta' warrant jew kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni.

21. (1) Il-Bord tal-Warrant għandu fi żmien xahar (1) minn meta d-detentur ta' warrant jiġi notifikat, jaderixxi mad-deċiżjoni tal-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti jew, f'każ li jkun hemm appell minn dik id-deċiżjoni, mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

(2) Il-Bord tal-Warrant għandu jinnotifika r-revoka tal-warrant jew il-kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni jew is-sospensjoni taċ-ċertifikat għall-prattika, kif ikun il-każ, fil-Gazzetta.

Effetti tar-revoka jew sospensjoni taċ-ċertifikat għall-prattika, jew kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni ta' soċjetà.

22. (1) Meta warrant maħruġ taħt dan l-Att jiġi revokat, jew ċertifikat għall-prattika maħruġ taħt dan l-Att jiġi sospiż, il-persuna li lilha jkun inħareġ il-warrant jew ċertifikat għall-prattika ma tibqax detentriċi ta' tali warrant, jew tiġi sospiża milli teżerċita l-professjoni skont il-każ, u għandha tieqaf milli tuża jew tissospendi l-użu tat-titolu Perit.

(2) Minkejja tali sospensjoni taċ-ċertifikat għall-prattika jew revoka tal-warrant kif provdut fis-subartikolu preċedenti, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet għal kwalunkwe ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir matul dak il-perjodu meta l-warrant kien attiv, għandhom jibqgħu effettivi skont dan l-Att u liġijiet rilevanti oħra.

(3) Minnufih mal-kanċellazzjoni jew sospensjoni tar-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi tal-warrant, il-membri ta' dik is-soċjetà u s-soċjetà għandhom jieqfu milli jużaw it-titolu ta' Periti.

TAQSIMA VIII
Appelli, Skwalifiki, Ftehim Projbit u Reati

Appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord.

Kap. 490.

23. (1) (a) Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Warrant jew tal-Kunsill tal-Kamra tal-Periti previsti taħt dan l-Att għandhom ikunu soġġetti għal appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf skont l-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

(b) Meta persuna ma tkunx sodisfatta b'xi deċiżjoni tal-Bord tal-Warrant jew tal-Kunsill tal-Kamra tal-Periti meħuda fil-konfront tagħha, hija tista' tappella lill-imsemmi Tribunal kontra dik id-deċiżjoni dwar punti ta' fatt u tad-dritt sa mhux aktar tard minn għoxrin (20) ġurnata minn meta tkun ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-

Bord.

(ċ) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jista', fid-deċiżjoni tiegħu dwar kwalunkwe appell magħmul abbażi tas-subartikolu (1), jikkonferma, jibdel jew ivarja, totalment jew parzjalment, id-deċiżjoni oriġinali.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti għandhom ikunu soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell kif kontemplat fl-artikolu 14(1).

Skwalifika u dħul mill-ġdid ta' detentur tal-warrant.

24. (1) Id-dikjarazzjoni ta' ħtija minn xi qorti f'Malta fir-rigward ta' xi reat li jkun soġġett għall-priġunerija għal terminu li jeċċedi sena (1), għandha tikkostitwixxi raġuni għall-projbizzjoni mill-kisba jew għaż-żamma tal-warrant.

(2) Tali projbizzjoni għandha, fil-każ ta' detentur tal-warrant, tiġi dikjarata mill-Bord tal-Warrant permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta u għandha tiġi komunikata lill-persuna skwalifikata, kemm-il darba ma tkunx ġiet interdetta bis-sentenza nnifisha.

(3) Id-detentur tal-warrant għandu jinforma lill-Bord tal-Warrant li jkun instab ħati fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mis-sentenza. Innuqqas li jagħmel dan għandu jitqies bħala reat u għandu meta jinstab ħati jkun soġġett għall-multa ta' tlett elef euro (€3,000).

(4) Meta l-isem ta' perit ikun ġie mħassar minn reġistru, il-Bord tal-Warrant jista', jew wara applikazzjoni għal dak il-għan mill-persuna kkonċernata jew inkella *ex officio* f'każ li jkun hemm qbil mal-Kunsill tal-Kamra, imexxi biex ismu jerġa' jiddaħħal fir-reġistru relevanti:

Iżda meta applikazzjoni hija magħmula mill-persuna konċernata skont dan is-subartikolu, il-Bord tal-Warrant għandu jagħti l-opportunità lill-persuna konċernata li tagħmel sottomissjonijiet verbali u, jew bil-miktub biex isostnu t-talba tagħha:

Iżda wkoll meta l-Bord tal-Warrant jiddeċiedi li jirrifjuta applikazzjoni magħmula mill-persuna konċernata skont dan is-subartikolu, għandu jistqarr fid-dettall għaliex ir-restrizzjoni imposta hija strettament meħtieġa biex tħares l-interess pubbliku.

Ftehim projbit.

25. Kull ftehim jew arranġament ieħor li jkollu l-ħsieb li jeżenta lil detentur tal-warrant jew soċjetà ta' periti minn kwalunkwe responsabbiltà, obbligu jew dmir taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, jew li jħollhom minnhom, jew, ħlief taħt xi assigurazzjoni ta' indennizz kif stipulat fl-artikolu 18, li jagħmel tajjeb għal tali responsabbiltà, obbligazzjoni jew dmir għandu jkun null u bla effett:

Verżjoni Elettronika

Iżda dan l-artikolu m'għandux jinftiehem fis-sens li detentur tal-warrant jew soċjetà ta' periti ma jistgħux jagħżlu li jiddelegaw xi wħud mid-dmirijiet u responsabbiltajiet professjonali tagħhom lil detentur tal-warrant ieħor jew soċjetà ta' detenturi tal-warrant permezz ta' ftehim reċiproku bil-miktub.

Reati.

26. (1) Kull persuna li, sabiex tikseb il-warrant, jew ir-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi tal-warrant taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħti xi tagħrif ħażin jew xort'oħra taġixxi b'mod qarrieqi jew frawdolenti, tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinstab ħatja, tkun soġġetta għal multa li ma teċċedix l-elfejn u ħames mitt euro (€2,500) jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux iżjed minn tnax (12)-il xahar jew għal tali multa u priġunerija f'daqqa.

(2) Kwalunkwe persuna li ma tkunx detentur tal-warrant u li tassumi jew tuża it-titolu ta' Perit, jew b'xi mod turi li hija intitolata teżerċita l-professjoni, tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinstab ħatja tkun soġġetta għal multa li ma teċċedix l-elf mitejn u ħamsin euro (€1,250) jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur, jew kemm għal tali multa u priġunerija f'daqqa, u f'każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti, għal multa li ma teċċedix it tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500) jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux aktar minn sentejn (2) jew għal tali multa u priġunerija f'daqqa.

(3) Kwalunkwe persuna li tuża t-titolu ta' Periti b'rabta ma' soċjetà ta' detenturi tal-warrant, meta taf li dik is-soċjetà mhix reġistrata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew b'xi mod ikun li jkun, xjentement tuża isem falz li jimplika l-eżistenza ta' soċjetà ta' detenturi tal-warrant reġistrata kif imsemmi aktar 'il fuq, tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinstab ħatja, tkun soġġetta għal multa li ma teċċedix l-elf u mitejn u ħamsin euro (€1,250) jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur, jew għal tali multa u priġunerija f'daqqa, u f'każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti għal multa li ma teċċedix it tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500) jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux aktar minn sentejn (2) jew għal tali multa u priġunerija f'daqqa.

(4) Kwalunkwe persuna li ma tkunx detentur tal-warrant skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u li tipprattika l-professjoni, tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinstab ħatja, tkun soġġetta għal multa li ma teċċedix il-ħamest elef euro (€5,000) jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur jew għal tali multa u priġunerija f'daqqa u f'każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti għal multa li ma teċċedix it tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500) jew għal priġunerija għal terminu ta' mhux aktar minn sentejn (2) jew għal tali multa u priġunerija f'daqqa.

Dispożizzjonijiet addizzjonali għal reati.

27. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu r-reati u l-pieni għall-istess, m'għandhomx jaffettwaw l-operat ta' xi liġi oħra li tistabbilixxi reati u pieni għall-istess atti jew ommissjonijiet u m'għandhomx, b'mod partikolari, jaffettwaw l-applikazzjoni ta' xi piena ogħla f'xi liġi oħra.

Kap. 446.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* m'għandhomx japplikaw għal dan l-Att.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-użu fi kwalunkwe biljett, karta tal-ittri, tabella, kartellun, pjanċa, reklam jew apparat jew mezzi elettroniċi oħra miktuba, stampati jew imnaqqxa, strument jew dokument, tal-kelma jew kliem Perit, Perit Arkitett, Perit Inġinier Ċivili, Perit Arkitett u Inġinier Ċivili u Periti jew kwalunkwe minn dawn il-kliem użati flimkien, għandu jkun evidenza suffiċjenti għall-għarfien ta' tali użu mill-persuna li b'rabtha ma' isimha l-imsemmija kelma tkun qiegħda tintuża, kemm-il darba dik il-persuna ma tippruvax li l-użu ta' tali kelma sar mingħajr l-għarfien tagħha u li meta saret taf b'dak l-użu ħadet il-passi xierqa biex twaqqfu.

TAQSIMA IX
Dispożizzjonijiet Operattivi

Setgħat tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

28. Il-Ministru għandu, bi ftehim mal-Kamra, jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar lil kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod ġenerali biex tiġi regolata l-professjoni, u, sakemm dawn ir-regolamenti ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi aktar 'il fuq, dawk ir-regolamenti jistgħu b'mod partikolari jinkludu dispożizzjonijiet dwar:

(a) l-aġġornament tal-multi stipulati f'dan l-Att;

(b) il-miżati li jistgħu jkunu dovuti lill-Bord tal-Warrant għall-ħruġ ta' warrant jew għar-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' detenturi tal-warrant, jew għall-kopji tagħhom, u l-miżati li jistgħu jkunu dovuti lill-Kamra tal-Periti għas-sottomissjoni ta' ilment lill-Kamra u għall-ipproċessar ta' tali ilmenti u miżati amministrattivi oħra;

Kap. 451.

(ċ) id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu, fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki tal-Periti;

(d) standards ta' mġiba u prattiċi professjonali mistennija mid-detenturi tal-warrant fil-Kodiċi ta' Mġiba Professjonali, sabiex jinżamm standard għoli ta' servizz u mġiba

Verżjoni Elettronika

professjonali, il-prestiġju u l-istatus tal-professjoni u għas-salvagwardja tal-interessi tal-komunità;

(e) tfassil ta' azzjonijiet dixxiplinarji li l-Kamra tista' timponi fuq detentur tal-warrant, fejn jirriżulta li d-detentur tal-warrant kiser il-Kodiċi ta' Mġiba Professjonali;

(f) proċeduri relatati mal-iżvilupp kontinwu professjonali (CPD), inklużi r-rekwiżiti minimi applikabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikati għall-prattika;

(g) l-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li għandha tinżamm minn detentur tal-warrant skont l-artikolu 18;

(h) il-miżata amministrattiva li għandha titħallas mid-detenturi tal-warrant lill-Kamra, kif soġġett għar-regolamenti maħruġa mill-Ministru skont l-artikolu 12(7)(g);

(i) kwalunkwe ħaġa oħra meħtieġa jew awtorizzata minn dan l-Att li tiġi preskritta.

It-terminu "arkitett".

29. Kull meta jintuża t-terminu "arkitett" fi kwalunkwe liġi oħra għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija lilu fis-sens ta' "perit" kif imsemmi f'dan l-Att.

Revoka. Kap. 390. L.S. 390.01.

30. (1) L-Att dwar il-Periti u l-leġiżlazzjoni sussidjarja kollha magħmula taħtu, bl-eċċezzjoni tar-Regolamenti dwar il-Kamra tal-Arkitetti qegħdin b'dan jiġu mħassra.

(2) Kull warrant mogħti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza għandu, minkejja kull ħaġa li tinsab f'dan l-Att, jibqa' fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u għandu jitqies li ngħata taħt dan l-Att u jkun regolat mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Il-Kamra tal-Arkitetti stabbilita bl-Ordinanza għandha tkompli bħala l-Kamra tal-Periti msemmija fl-artikolu 12.

A 196

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 445 tal-24 ta' Marzu, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati